MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 238/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Christian Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Christian Calleja ta' 17-il sena iben missier mhux maghruf u Rita nee' Agius mwieled Pieta fil-25 ta' Dicembru 1993 u residenti Block 5 Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara, ID 24794 (M).

Akkuzat talli fis-17 ta' Ottubru 2009 gewwa Haz Zabbar fis-17 ta' Ottubru 2009 u jew fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer u fi bnadi differenti f'Malta u f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda

mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li dan ir-reat sehh meta l-imputat kellu 15-il sena u kif ukoll li l-fedina penali aggornata tieghu mhi xejn felici meta wiehed jikkonsidra li l-imputat ghad ghandu biss 18-il sena hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni

ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------